DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/891

tat-28 ta' April 2023

dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lir-Repubblika tal-Moldova.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew wieġħed li jkompli jipprovdi l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova, inkluż biex isaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tal-pajjiż fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti minn atturi esterni.

(3) It-tmexxija attwali tar-Repubblika tal-Moldova għamlet progress importanti fit-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u għamlet sforzi konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-passi speċifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija fl-UE.

(4) Filwaqt li kompla bl-aġenda ta' riforma ambizzjuża tiegħu, il-gvern tal-Moldova kien qed jindirizza wkoll diversi kriżijiet u kien qed jiffaċċa dejjem aktar theddid dirett għall-istabbiltà tiegħu kemm minn gruppi interni b'interessi personali kif ukoll mir-Russja, li spiss jikkonverġu bejniethom biex jiddevjaw lill-pajjiż mill-perkors ta' riforma tiegħu.

(5) L-Unjoni tibqa' lesta li tuża l-istrumenti ta' politika kollha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tikkontribwixxi għal ħruġ effikaċi mill-kriżi attwali u biex tirreaġixxi għall-azzjonijiet destabbilizzanti li joħolqu theddida serja għad-demokrazija u l-istat tad-dritt fir-Repubblika tal-Moldova, anke billi ssaħħaħ l-implimentazzjoni ta' assistenza teknika u programmi ta' bini tal-kapaċitajiet biex tissaħħaħ il-kapaċità tar-Repubblika tal-Moldova li tipprevjeni u tiġġieled dawn l-azzjonijiet b'mod awtonomu permezz tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija mal-Istati Membri.

(6) L-intensità għolja bla preċedent ta' tali azzjonijiet destabbilizzanti titlob reazzjoni immedjata, anke minħabba l-importanza tar-Repubblika tal-Moldova stabbli, pajjiż kandidat tal-UE mal-fruntiera tal-Unjoni u l-Ukrajna.

(7) Theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll għall-istabbiltà u s-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova, tirriżulta minn persuni li jostakolaw jew jimminaw l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet jew jippruvaw iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali, inkluż permezz ta' atti ta' vjolenza, fir-Repubblika tal-Moldova. L-isforzi biex tiġi destabbilizzata r-Repubblika tal-Moldova żdiedu b'mod partikolari mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

(8) Theddida għall-istabbiltà, għad-demokrazija u l-istat tad-dritt tirriżulta wkoll minn persuni li jinvolvu ruħhom f'imġiba finanzjarja ħażina serja li tikkonċerna fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital, sa fejn dawn ikunu jistgħu jikkontrollaw jew jinfluwenzaw b'mod serju l-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-istat. Tali atti jistgħu wkoll jheddu l-ordni kostituzzjonali.

(9) L-isforzi ta' destabbilizzazzjoni kontra r-Repubblika tal-Moldova jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.

(10) Ir-Repubblika tal-Moldova talbet li l-Unjoni tappoġġaha kontra azzjonijiet li jheddu li jiddestabbilizzaw il-pajjiż billi tadotta miżuri restrittivi.

(11) Fiċ-ċirkostanzi attwali, jenħtieġ li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u miżuri għall-iffriżar tal-assi kontra persuni responsabbli għal, li jappoġġaw jew jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jimminaw jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar- Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir- Repubblika tal-Moldova u persuni, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

(12) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

(a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jimminaw jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ostakolar jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet jew jippruvaw jiddestabilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett, l-appoġġ jew b'xi mod l-iffaċilitar ta' dimostrazzjonijiet vjolenti jew atti oħra ta' vjolenza; jew

(iii) imġiba finanzjarja ħażina serja fir-rigward ta' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital;

(b) persuni fiżiċi assoċjati ma' persuni dežinjati taħt il-punt (a);

kif elenkati fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru li jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu ta' ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt l-awspiċji tagħha;

(c) bi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja;

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti jew minħabba attendenza f'laqgħat intergovernattivi jew laqgħat promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi politiċi tal-miżuri restrittivi, inkluż appoġġ għall-istat tad-dritt, id-demokrazija, l-istabbiltà u s-sigurtà tar-Repubblika tal-Moldova.

7. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għall-fini ta' proċess ġudizzjarju.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 jew 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala mogħtija għajr jekk wieħed jew aktar mill-Istati Membri jagħmlu oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi riċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. F'każ li wieħed jew aktar mill-Istati Membri joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6, 7 u 8, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għalih hija ġiet mogħtija lill-persuna kkonċernata minnha.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprjetà ta', jew li huma miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) persuni fiżiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għal, li jappoġġaw jew jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jimminaw jew jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, jew id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

   (i) l-ostakolar jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw serjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet jew jippruvaw jiddestabilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;

   (ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett, l-appoġġ jew b'xi mod l-iffaċilitar ta' dimostrazzjonijiet vjolenti jew atti oħra ta' vjolenza; jew

   (iii) imġiba finanzjarja ħażina serja fir-rigward ta' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital,

(b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati ma' persuni deżinjati taħt il-punt (a);

kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont il-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familji dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) ser jitħallsu f'kont ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, jew ser jinħarġu minnu, sa fejn dawn il-pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għall-finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari jew l-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja li tkun eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fi ħdan il-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx imur kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati milli jagħmlu pagament dovut skont kuntratt li jkunu daħlu għalih qabel id-data li fiha t-tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikunu ġew elenkati fl-Anness, dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew

(c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ngħataw fl-Unjoni jew li huma eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li kwalunkwe tali mgħax, dħul ieħor u pagament jibqa' soġġett għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

7. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jaġixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-għoti tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 2 ikun meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji fir-Repubblika tal-Moldova.

8. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 7, u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet speċifiċi jew ġenerali, taħt tali kundizzjonijiet ġenerali jew speċifiċi li huma jqisu xierqa, biex jirrilaxxaw ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew biex jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, dment li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ għal finijiet esklużivament umanitarji fir-Repubblika tal-Moldova.

Artikolu 3

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-'Rappreżentant Għoli'), għandu jiddeċiedi li jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernati, kemm direttament jekk l-indirizz ikun magħruf, jew inkella permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lil tali persuna, entità jew korp b'opportunità li jippreżentaw xi osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati xi osservazzjonijiet jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna, entità jew korp ikkonċernati kif meħtieġ.

Artikolu 4

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

2. Fejn tkun disponibbli, l-Anness għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, din l-informazzjoni tista' tinkludi: ismijiet u psewdonimi; id-data u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità; il-ġeneru; l-indirizz, jekk ikun magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, din l-informazzjoni tista' tinkludi: ismijiet; il-post u d-data tar-reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tal-attività professjonali.

Artikolu 5

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tħejjija u l-emendar tal-Anness;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tħejjija ta' emendi għall-Anness.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, data rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni kriminali jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lil dawn il-persuni, biss sa fejn dan l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" skont it-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sabiex jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 6

L-ebda pretensjoni marbuta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-pagament ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi indikati elenkati fl-Anness;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a), jew f'isimhom.

Artikolu 7

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sad-29 ta' April 2024.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li ma jkunux intlaħqu l-objettivi tagħha.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Meta jirrieżamina miżuri restrittivi meħudin taħt l-Artikoli 1(1)(a)(iii) u 2(1)(a)(iii), il-Kunsill għandu jqis kif xieraq jekk il-persuni inkwistjoni humiex soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji jew le fir-rigward tal-imġiba li għaliha kienu ġew elenkati.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

ANNESS

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2

[…]